MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2008

Appell Kriminali Numru. 48/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Elaine Caruana**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Elaine Caruana talli fit-18 ta’ Marzu 2007 u fil-gimghat ta’ qabel f’hinijiet differenti, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li kienu maghmulin b’rizoluzzjoni wahda, naqset milli meta hekk ordnata minn xi Qorti jew marbuta b’kuntratt sabiex taghti access lil wild u cioe’ Shaznay ta’ 6 snin taht il-kustodja taghha lir-ragel Angel Joseph Caruana, irrifjutat li taghmel dan minghajr ebda raguni xierqa;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-18 ta’ Frar 2008, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmija Elaine Caruana hatja ta’ l-imputazzjoni migjuba kontra taghha u, wara li rat l-artikolu 338(ll), 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijet ta’ Malta, ikkundannatha ghal gimaghtejn detenzjoni;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmija Elaine Caruana pprezentat fit-22 ta’ Frar 2008 li permezz tieghu talbet li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha u b’hekk tilliberaha mill-imputazzjoni kif dedotta kontra taghha u fin-nuqqas li tinfliggi piena anqas harxa u idonea fic-cirkostanzi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat il-verbal tallum tal-*parte civile*;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Fis-seduta tallum stess saret dikjarazzjoni mir-ragel ta’ l-appellanti, Angel Joseph Caruana, li l-access qieghed isir regolarment u illi huwa ma jixtieqx jara lil omm bintu l-habs.

In vista tal-fatt li r-relazzjonijiet bejn il-genituri tat-tifla issa jidhru li hadu zvolta ghall-ahjar u ghalhekk qed ikun hemm access regolari, din il-Qorti tara li, fl-interess ta’ l-istess minuri u biex ma jigux ezacerbati r-relazzjonijiet bejn il-genituri taghha, hemm lok ghal temperament fil-piena.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellanti hatja ta’ l-imputazzjoni dedotta kontra taghha u tirrevokaha in kwantu kkundannatha gimaghtejn detenzjoni u minflok tikkundannaha ghal ammonizzjoni u riprensjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------